**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 176 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**vs**

**Musaqad Hajeji**

Illum 20 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Musaqad Hajeji, bin Musaqad u Muhassin nee Mustafa, imwieled is-Sudan nhar is-6 ta' Mejju 1985, u joqghod China House, Birzebbuga, detentur tan-numru tal-Pulizija 19U-056, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' dawn il-gzejjer nhar it-12 ta' Mejju 2020 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofs-in-nhar (4.00pm) , barra l-Laboratorju tal-Paci, Triq Hal Far, Birzebbuga u/jew fil-vicinanzi;

1. Volontarjament, hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' Paolo Mintoff u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt euro (2500) Art 325 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement jew b' negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti ikkaguna dannu lil jew qered propjeta' kulturali sew tali propjeta' kulturali hi sew jekk ma hix registrata f' xi inventarju skont dan l-Att u kemm jekk is-sid ta' tali propjeta' ta' patrimonju kulturali hu l-persuna li kkaguna l-hsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qeghda tamministraha b' mod legittimu (Art 70 (1) (a) tal-Kap 445) .

3. Akkuzat aktar talli renda ruhhu recidiv ai tenut tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-28 ta' Gunju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 533, 49, 50 u 325 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 70 (1) (a) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra l-imputat Musaqad Hajeji, u peress li l-ewwel u t-tieni akkuzi huma alternattivi ghal xulxin, fuq sejbien ta' htija u stante wkoll li huwa gie misjub hati li l-imputat Musaqad Hajeji irrenda ruhhu recediv, kkundannatu ghal piena karcerarja ta' seba (7) snin prigunerija li minnu ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-hati ghamel bhala arrest preventiv.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Musaqad Hajeji minnu pprezentat fl-14 ta' Lulju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassara u tirrevoka in kwantu fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tieghu u ghar-ragunijiet suesposi, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament thassarha u tirrevokha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravi huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

<u>Illi fl-ewwel lok</u>, l-appellant umilment jirrileva li l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jissodisfawx pjenement l-elementi tar-reati addebitati fil-konfront ta' l-appellant. Minn analizi tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li gew prodotti s-segwenti:

<u>PS 816 Sean Vassallo - deposizzjoni rilaxxata fit-23 ta' Gunju 2020.</u>
Is-surgent jispjega li huwa ecceda fuq il-post, u cioe il-Laboratorju tal-Paci, hekk kif dahal ir-rapport. Hemmhekk huwa sab lil appellant jigi mizmum minn xi persuni ohra, residenti tal-Laboratorju tal-Paci.

<u>Patri Dijonisju Mintoff - deposizzjoni rilaxxata fit-23 ta' Gunju 2020.</u>
Patri Mintoff jispjega li huwa hareg jigri mill-knisja waqt li kien qed iqaddes, peress li sema xi ghajjat ' *Father come, Father come, Father come'* . Kif hareg ra lil appellant, li kien qed jigi mizmum min xi persuni. Huwa jikkonferma li qatt ma kien ra lil appellant qabel. Jirrizulta li Patri Mintoff, apparti li ma ftakarx id-data, xehed ripetutament li dakinhar ta' l-akkadut, ' *kien il-Hadd, jew kienet festa'* .

**Jigi rilevat li d-data ta' l-akkuza, 12 ta' Mejju 2020 kienet il-gurnata tat-Tlieta, u ma kienetx festa.**

Aldawway Abdau Alrahman Hussin -deposizzjoni rilaxxata fit-23 ta' Gunju 2020.

Jispjega li certu Hasan kien qal lilu u lil certu Daniel li kien hemm persuna qed tkisser statwa. Ix-xhud hareg u zamm lil appellant.

Is-Supretendent Trevor Micallef - deposizzjoni rilaxxata fit-23 ta' Gunju 2020

Ta rendikont ta' l-investigazzjonijiet u x' wassal sabiex l-appellant jitressaq il-Qorti.

Perit Ruben Abela - ipprezentat rapport fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2020

**Jirrizulta li r-rapport huwa mankanti minn valur relatat mal-hsarat mertu ta' dawn il-proceduri.**

Dr Mark Aquilina - deposizzjoni rilaxxata fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020

It-tabib jikkonferma li huwa kien iccertifika lil appellant qabel ittiehdet l-istqarrija.

**Jirrizulta fuq mistoqsija tal-Qorti, li dan it-tabib ma huwiex Tabib Psikjatra, u ccertifika lil appellant sabiex tkun tista ttiehed l-istqarrija.**

Maria Dolores Fenech - deposizzjoni rilaxxata fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020

Ipprezentat sentenza moghtija mill-Magistrat Dott. Simone Grech fil-konfront ta' l-appellant.

Minn analizi tas-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbbli Qorti, fl-argumentazzjoni dwar is-sejbien ta' htija, jirrizulta li gie kkwotat l-**Artikolu 325 (2)** tal-Kap 9, li jistipula s-segwenti:

> *Jekk minhabba n-natura jew importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika tal-proprjetà mhassra,*

*danneġġata jew mgharrqa ma jkunx possibbli li l-hsara titqies skont ir-regola stabbilita fl-artikolu 335, il-hsara ghandha titqies li tkun ta 'aktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin ċentezmu (€1,164.69).*

Ma jistax ma jigix sollevat, li mill-provi prodotti, ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kkwotat l-Artikolu citat, l-prova 'tan-natura jew importanza geologika, paleontologika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika tal-proprjetà mhassra', **hija totalment mankanti** mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Isegwi ghalhekk, li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tistax taghmel argumentazzjoni simplistika dwar provi li huma ghal kollox mankanti fl-atti. Di più, wiehed ma jistax jassumi tali prova jekk ix-xhieda idoneja (senjatament ufficjali li jikkonfermaw l-valur u importanza arkeologika) ma gewx prodotti.

Rigward il-valur, minghajr pregudizzju ghal premess, l-appellanti jaghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, Qorti tal-Appell Kriminali, 24 ta 'Frar 2003, fejn gie stabbilit is-segwenti:

*"Fin-nuqqas ta 'qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta 'l-Artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta ''l-Artikolu 325 (1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma 'l-Artikolu 335 ta 'l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista 'jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta 'jew fi l- oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l- ammont tal-hsara. F 'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit."*

Jigi rilevat li ghalkemm gie mqabbad Perit sabiex jaghti l-valur tal-hsara, mir-rapport tal-Perit ipprezentat fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2020, ma gie identifikat l-ebda valur.

Punt importanti iehor, huwa l-fatt li s-sid ta' l-istatwi li gew dannegjati ma giex prodott. Fix-xhieda ta' Patri Dijonisju Mintoff, huwa jispjega li tali statwi kienu inghataw bhala donazzjoni lil knisja diversi snin ilu. Isegwi ghalhekk li l-propjetaru ta' l-istatwi hija l-Arcidjocesi ta' Malta. Jigi rilevat li ma gie prodott l-ebda xhud in rappresentanza ta' l-Arcidjocesi ta' Malta, u ghalhekk tali prova hija wkoll mankanti.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, l-appellanti jaghmel referenza ghal piena ta' seba' (7) snin prigunerija inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi ghandu jigi kkunsidrat li l-piena qatt m 'ghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru. Qed issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo:**

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muwhiex wiehed ta 'tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m 'ghandhiex isservi bhala xi forma ta 'vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta 'dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*
>
> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil- kaz ta 'persuni li b 'ghemilhom juru li huma ta ' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra*

*mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta 'reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta 'deterrent generali. Il-Qrati ta 'gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta 'liema, skond ic-cirkostanzi ta 'kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta 'Jannar, 2013 intqal is-segwenti:

*Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta ' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta 'persuni li b 'ghemilhom juru li huma ta 'minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta 'reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta 'deterrent generali. Il-Qrati ta 'gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal- piena."*

*Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma*

*tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl- ghajnuna ta ' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta 'servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta 'kumpens, l-appellant/l- appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta 'probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta 'supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

L-appellant jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t 'Ottubru 2019 fl-ismijiet*** **'Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche '**fejn gie kkunsidrat li:

*Peress li dan huwa appell limitat biss ghall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistharreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setghetx legalment u raġonevolment tasal ghas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa 'fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t 'Awissu 2005:*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds*

*of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone 's Criminal Practice 2004 (supra) :*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive 'has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal 's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges ' )emphasis added) . Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle '. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle ') words to the effect that the sentence was 'excessive 'or 'manifestly excessive '. This does not, however, cast any doubt on Channell J 's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b) Preventiv;*

*u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jaghmel tajjeb ghall- azzjoni vjolattiva tad- dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita ' taghha.*

*L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista 'tinghata tohloq f 'mohh is-soċjeta, b 'mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mġeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t 'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv ghalhekk huwa duplici : wiehed ta 'natura generali u l-iehor ta 'natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, is- socjeta tigi kemm jista ' jkun imrazna milli tikkommetti reati minhabba l- biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b 'mod li darb 'ohra jerga jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-Ligi. Jekk is-socjeta titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda 'titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill- membri tas-socjeta milli jiddezistu ghax jekk jiddelinkwu minghajr konsegwenza jew b 'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall- membri fi hdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta 'delinkwenza b 'konsegwenzi nefasti ghall- interessi tal-kollettivita '. Is- socjeta allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall- ezistenza pacifika taghha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm <u>l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u> tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta 'trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghas-socjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta 'riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata 'mir-ragunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill-*

*ġdid u ma jibqax aktar ta 'theddida ghas- socjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F 'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista 'jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mghejjun itejjeb l-imġieba tieghu b 'mod li ghalhekk ikun jista 'jerġa jiġi reintegrat fis-socjeta, billi jiġi riedukat, imheġġeġ jiżviluppa t-talenti u l- abbiltajiet tieghu, inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jghix diċenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawża b 'eghmilu. F 'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva. '*

Jiġi rilevat li l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-imposizzjoni tal-piena inflitta, injorat ghal kollox il-principji hawn citati.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2022.

Rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat appellant.

**Ikkunsidrat,**

Fl-ewwel lok l-appellant irrileva li l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ssodisfawx pjenament l-elementi tar-reati addebitati fil-konfront tieghu u ghalhekk implika li l-ewwwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti kif prodotti.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;
**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex jghaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Rat ix-xhieda moghtija minn **PS 816 Sean Vassallo** fejn spjega li nhar it-12 ta' Mejju, 2020 ghall-habta tal-4.00 p.m huwa kien xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' B'Bugia meta gie infurmat illi kien hemm persuna gewwa l-Laboratorju tal-Paci li jinsab b'Bugia, Triq Hal Far, li kien qed ikisser statwa. Immedjatament huwa flimkien mal-kollegi tieghu marru fuq il-post fejn hemmhekk sab persuna li kien

qed jigi mizmum minn xi residenti li kienu qeghdin jghixu fl-imsemmi post, liema persuna huwa gharaf bhala l-akkuzat fl-awla.

Fuq il-post hareg ukoll Fr. Diojonisio Mintoff fejn dan min naha tieghu qal illi waqt li huwa kien qieghed iqaddes, sema xi tahbit mal-hajt hekk kif dak il-hin bdew jghidulu 'Father Father' biex ovvjament johrog jara x'kien gara. Ta' min jinnota li din l-istatwa hija ta' San Mikiel u hija sitwata barra l-*premises* tal-Laboratorju tal-Paci fejn kif spejgalu Fr. Mintoff qallu li certu Assane ra dan ir-ragel l-akkuzat ikisser l-istatwa dahal gewwa u beda jghajjat ghall-ghajnuna u hargu tnejn ohra jghinuh certu Daniel Tisage u Aldawway Abdou Abraham Hussin. Huwa eventwalment qal dak li kienu raw. Assane qal li ra lill-akkuzat ikisser l-istatwa u t-tnejn l-ohra hargu u pprovaw jghinu lil dan Assane biex iwaqqaf lill-akkuzat milli jkompli ikisser l-istatwa.

Huwa min naha tieghu informa lill-allura spettur Trevor Micallef u ghall-habta tal-4.15 l-akkuzat gie arrestat. Minn stharrig li sar fuq il-post irnexxielhom isibu l-identifikazzjoni tieghu li huwa 19UO56 li huwa l-police number fejn imbaghad eventwalment waslu ghal identifikazzjoni tieghu.

Dan beda jagixxi b'mod partikolari u ghalhekk hassew il-htiega li jcemplu ghal tabib ic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid peress li ma kienx hemm komunikazzjoni u talab lill-ispettur jibghat interpretu gewwa l-ghassa ta' B'Bugia. Fil-frattemp inbidlet ix-shift u baqghu jinvestigaw ix-shift ta' warajh.

Muri d-dokument a fol 5 jikkonferma li kienet EPC 342 Francesca Formosa li kitbet ir-rapport fuq dak li kien qallha hu. EPC 342 ma marritx fuq l-post u strahet fuq dak li giet infurmata bih.  Kien Dr. Mark Aquilina li ezamina lill-akkuzat.

Waqt li kien sejjer id-dar gie infurmat minn PC 452 li kien fil-kumpanija ta' Fr Mintoff illi xtaqu ikelmuh. Ghalhekk waqaf jitkellem maghhom u gie indikat li kien hemm statwa ohra apparti dik ta' San Mikiel li minnha tajru bicca haruf. Gie muri ukoll xi kitba fuq il-hajt. Ikkonferma li l-Laboratorju tal-Paci huwa immexxi minn Fr. Dijonisio Mintoff u izomm xi residenti mieghu bhal dawk tal-*open centre.*

**Fr Dionosio Mintoff** xehed nhar it-23 ta' Gunju, 2020 u qal li jghix ma xi refuggjati fejn il-knisja fil-Laboratorju tal-Paci. Jiftakar li huwa kien qed iqaddes wahdu fil-knisja u kien ghall-habta tal-4.30 p.m jum il-Hadd. Kien wahdu u l -knisja kienet maghluqa ghan-nies u sema xi hsejjes hoss kbir mal-hajt u haseb li kien dahal xi truck fuq il-hajt ghax il-hoss kien kbir. Waqaf iqaddes u sema tnejn jghidu "*Father come Father come*" u hareg jigri u ra persuna li ma kienx ra qabel hemmhekk li kien imqabbad ma l-istatwa li kienet kbira immens u sab persuna ohra tghidlu '*ghax qed taghmel hekk ghax qed taghmel hekk, why are you doing so, why are you doing so.'* Huwa qallu *x'qed taghmel ghalfejn qed taghmel hekk? why are you doing so,"* u wara ra il-kitba Allah ma kullimkien mal-biebien. Dan kien miktub billi xi hadd qisu naqqax il-hajt. Huwa kisser l-istawa ta' San Mikiel. Pero kien hemm statwa ohra ta' San Frangisk bil-lupu u nghaga u kisirhom. Kien hemm kitba ukoll fuq zaqq San Frangisk. L-istatwa ta' San Mikiel kienet kbira hafna u gholja. Huwa gharaf lill-akkuzat peress li dam ikelmu dakinhar bhala l-persuna li ghamlet din il-hsara. L-istatwa ta' San Mikiel bhala artist ghandha l-Ganni Bonnici u tappartjeni lil Knisja tieghu. Jghid li ilha hemm madwar 70 jew 80 sena. Jghid li hu kien jghallem St. Michael's Training College u kienu ghamluha bhala ringrazzjament u meta inbieghhet l-iskola kien talab ghal din l-istatwa. Kull ma baqa' f'din l-istatwa kien ir-ras u s-sieq. Din kienet parti mill-heritage. Dwar l-istatwa ta' San Frangisk din setghet tigi rrangata. Min dak in-nhar il'quddiem marru tal-heritage u gabru l-gebel kollu ta' l-istatwa ta' San Mikiel. L-istatwa ta' San Frangisk xtraha hu minghand Anton Agius kien tahielu rigal ghal knisja.

Ikkonferma li qatt ma kienu inkisru qabel u din kienet l-ewwel rapport li ghamel fuq dawn iz-zewg statwi.

**Aldawway Abdan Alrahman Husia** xehed nhar it-23 ta' Gunju, 2020 u kkonferma li kienu ilu jghix mal-Father ghal madwar hames snin u sitt xhur u dan fil Labortorju tal- Paci. Jiftakar li jum minnhom bejn l-4.30 u l-5.00p.m huwa kien fil-kamra ta' gewwa ma siehbu Daniel u Hassan kien gej mix-xoghol. Appena wasal dan Hassan ra lill-akkuzat jkisser l-istatwa u kif ra hekk dan dahal gol- kamra u beda jispjega lilhom x' kien ra. Huma minn gol-kcina harsu 'l barra u sabu persuna b'gebla kbira f'idejh u dan kien l-akkuzat ihabbat fuq l-isatwa ta' San Mikiel. Kien qed jaghti d-daqqiet lill-istatwa.

Huma hargu barra biex iwaqfuh meta raw hekk u gie ukoll il-Father. L-akkuzat kiteb bil-lingwa Gharbija mal-hajt kif ukoll fuq l-istatwa ta' San Mikiel illi min hu Alla tieghu u kiteb li Mohammed huwa l-Profeta. It-tnejn l-ohra ma jafux bil-lingwa Gharbija. Il-Father dar fuqu staqsih x'kien hemm miktub bl-Gharbi u huwa spjega lil Father dak li kien hemm miktub. Irnexxielhom idahlu lill-akkuzat gewwa l-kamra u l-Father cempel lill-pulizija u kif waslu l-pulizija fejn ir-residenza ta' Fr Mintoff hadu l-akkuzat gewwa fejn joqghod Fr Mintoff. Huwa gharaf lill-akkuzat bhala l-persuna li kellha f'idejha il-gebla meta kienet qed taghti lill-istatwa ta' San Mikiel.

L-allura **Spettur Trevor Micallef** xehed nhar it-23 ta' Gunju, 2020 u spjega li nhar it-12 ta' Mejju tas-sena 2020 ghall-habta tal-4.30 p.m kien infurmah is-surgent PS 816 dwar rapport li kien dahalu li kien hemm persuna ta' nazzjonalita barranija li kien qed ikisser l-istatwa ta' San Mikiel li tinsab barra il-Laboratorju tal-Paci Hal Far u li dan il-post jiehu hsiebu Father Dijonisio Mintoff. X'hin wasal is-surgent fuq il-post kien hemm l-akkuzat li kien qed jigi mizmum minn xi persuni ukoll ta' nazzjonalita' barranija. Gie nutat hsarat estensivi fuq l-istatwa ta' San

Mikiel. Susegwentement gie arrestat wara li gie certfikat minn tabib li kien fi stat tajjeb li jigi interrogat. Gie ukoll infurmat li kien hemm ukoll hsarat fuq l-istatwa ta' San Frangisk fejn dan kellu kelb zghir li kellu xi hsarat fuqu. L-ghada l-akkuzat irrilaxja stqarrija. Din tinsab esebita fl-atti a fol 10 tal-atti. Huwa esebixxa ukoll il-*personal details* tal-akkuzat li gew markati bhala dok TM1. [1]

Rat il-verbal tal-Qorti datat 13 ta' Mejju 2020 fejn il-Qorti fuq rikjesta tal-prosekuzzjoni nnominat lil Perit Reuben Abela sabiex jevalwa l-hsarat li saru u jghid jekk jistax ikun hemm reparazzjoni u jaghti stima ta' dan ix-xoghol jekk in effetti jistax jsir.

Illi nhar l-24 ta' Settembru 2020 xehed il-**Perit Reuben Abela** u pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok RA1[2]. Dan ikkonferma li kien hemm hafna hsara fl-istatwa ta' San Mikiel li tinsab imwahhla mal-faccata tal-kappella tal-laboratorju tal-Paci. Hija fil-fatt rapprezentazzjoni artistika sagra. Il-hsara li garbet hija wahda kira. L-id il-leminija u r-rigel tal-lemin ta' San Mikiel tfarku ghal kollox u kull ma fadal minnhom huwa r-rinforz permezz ta' virga irqieqa tal-hadid Il-bicciet tal-konkrit kien kollu ma l-art. Jghid li din l-istatwa giet ivvandalizzata anke permezz ta' tfiegh ta' kantun Fil-fatt jghid li l-aggressur kien waddab xi knatan lejha. Ikkonferma ukoll li kien hemm hsarat uoll fix-xbieha ta' San Frangisk izda mhux ta' l-istess daqs.

Rat ir-ritratti annessi mar-rapport.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Mark Aquilina** moghtija nhar id-29 ta' Ottubru, 2020 u dan kkonferma li nhar it-12 ta' Mejju 2020 huwa kien irrilaxxja certifiakt mediku li jinsab esebit fl-atti u kkonferma li kien l-akkuzat odjern li kien ezamina u

[1] Fol. 35 tal-atti tal process.
[2] Fol. 45 tal-atti tal-process.

kkonferma li l-akkuzat ma kellu l-ebda forma ta' disordni mentali u kien fi stat tajjeb biex jigi interrogat mill-pulizija.

Nhar id-29 ta' Ottubru 2020 xehdet **Maria Dolores Fenech** fil-kapacita taghha ta' Assistent Registratur tal-Qorti u pprezentat sentenza moghtija mill-qorti tal-Magistrati nhar is-27 ta' Settembru, 2019 fil-konfront tal-akkuzat li giet markata bhala dok MDF1.

Illi l-akkzuat appellant kif kellu kull dritt jghamel, ghazel li ma jaghtix id-deposizzzjoni tieghu izda a tempo vergine tal-investigazzjoni kien irrilaxxja stqarrija datata 13 ta' Mejju, 2020 esebita fl-atti bhala dok C a fol. 10 ta l-atti processwali. Ikkonferma li kien qed jifhem l-interpretu u li inghata d-drittijiet tieghu tant li anke tkellem mal-avukat tal-ghajnuna legali. Qal li kien ilu Malta sena izda ma kienx jahdem. Gie Malta biex jghix hajja ahjar. Huwa ammetta li kien ghamel hsara fuq statwi u kien kiteb il-kliem ' *Minn Alla tieghek'* u qal li ghamel hsara fuq zewg statwi kbar u fuq statwa zghira fuq nghaga. Jghid li ghamel hekk ghaliex waqt li kien Rahal Gdid kien hemm Malti li beda joffendih bil-familja u rrabja u ghamel hsara fuq dawn l-istatwi. Jghid li kien wiehed Malti imlaqqam Baba Hanna li qallu biex ikisser l-istatwi.

Id-difiza fl-ewwel aggravju taghha tghid li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-istatwi li nkissru kienu ta' importanza arkeologika, arkitettonika artistika u storika u dan ghaliex tali prova hija mankanti. Din il-Qorti tghid li sabiex l-avukat difensur wasal biex qal hekk, ifisser bil-fors li huwa ma qarax ir-rapport tal-perit arkitett Reuben Abela li ddeskriva l-istorja wara z-zewg statwi, l-istorja taghhom kif ukoll l-istil artistiku taghhom tant li anke qal li min iddizinjhom u cioe Ganni Bonnici u Anton Agius kienu nies artistici hafna. Spjega ukoll il-mod u manjiera kif dawn l-istatwi gew krejati u l-importanza u simbolu

taghhom. Ghalhekk zgur li bix-xhieda ta' dan il-perit, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dak li jistipula s-sub-inciz 2 tal-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali u cioe:-

> *Jekk minħabba n-natura jew importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika tal-proprjetà mħassra, danneġġata jew mgħarrqa ma jkunx possibbli li l-ħsara titqies skont ir-regola stabbilita fl-artikolu 335, il-ħsara għandha titqies li tkun ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin eurou disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).*

Illi huwa minnu dak li stqarr l-avuakt difensur tal-akkuzat li l-prosekuzzjoni ma pprovatx il-quantum tal-hsara u dan ghaliex minkejja li l-perit gie nominat u mitlub jghati stima tal-hsarat dan naqas li jghamel hekk pero din il-Qorti tista *a sua sponte* taghmel apprezzament hi tal-hsarat li kien hemm u dan ghaliex mar-rapport hemm esebiti numru ta' ritratti. Naturalment ma tistax taghti valur bi precizjoni pero zgur li tista tara l-mansjoni tal-hsara ammessa mill-istess akkuzat. M'hemmx dubbju li l-hsara hija wahda kbira u l-oggett li inkiser hu ta' pregju kbir ghall-istorja ta' Malta. L-avukat difensur jghid li ma telghax jixhed rappresentant tal-Curia biex jghid li sofra d-danni pero jekk wiehed janalizza u jezamina x-xhieda ta' Father Mintoff jara li meta xehed qal li l-istatwi huma tal-knisja u ghalhekk huma ukoll tieghu.

Ma hemmx dubbju li ghalhekk l-akkuzat ghandu jinzamm responsabbli ghal agir tieghu.

Illi ma hemmx dubbju lanqas li l-akkuzat huwa recidiv u dan ghaliex kien gja nstab hati ta' reat ta' falsifikazzjoni u gie kkundannat prigunerija ghal zmien tlett xhur u dan nhar is- 27 ta' Settembru 2019 ghalhekk ma hemmx dubbju li ghandu jigi meqjus li huwa recidiv u ghalhekk din il-Qorti ghandha d-deskrizzjoni taghha li zzid il-piena bi grad jew tnejn.

L-avukat difensur appella ukoll mill-piena moghtija u dan ghaliex fil-fehma tal-akkuzat hija wahda eccessiva. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when Paġna 3 minn 5 taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In*

*more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2 This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda terroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Illi cio nonostante din il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' seba' snin prigunerija effettiva hija piena harxa fic-cirkostanzi u ghalhekk filwaqt li qeghda tikkonferma fil-mertu s-sentenza appellata qeghda timmodifika l-piena inflitta billi minflok is-sebgha (7) snin prigunerija inflitti bl-ewwel sentenza, qeghda tirrriduci dan iz-zmien ghal hames (5)

snin prigunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan l-istess kaz.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur